Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' April 2023
(OR. en)

7151/23

CES 19

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Repubblika ta' Ċipru, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<br>- Adozzjoni |

1. Permezz ta' ittra datata l-24 ta' Novembru 2022[1], il-President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) informa lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Charalambos KYRITSIS, membru tal-KESE.

2. Permezz ta' ittra datata t-22 ta' Frar 2023[2], il-Gvern Ċiprijott ippropona lis-Sur Pieris PIERI, *Γραμματέας Τμήματος Διεθνών Σχέσεων, Παγκύπρια Εργατική Ομοσπονδία (ΠΕΟ)* (Segretarju għar-Relazzjonijiet Internazzjonali, il-Federazzjoni tax-Xogħol pan-Ċiprijotta (PEO)), għall-ħatra bħala membru tal-KESE għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2025.

3. Skont l-Artikolu 302 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri tal-KESE wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni ġiet ikkonsultata dwar in-nomina fis-6 ta' Marzu 2023 u tat opinjoni favorevoli fit-23 ta' Marzu 2023[3].

---

1 15395/22.
2 6945/23.
3 C(2023) 1834.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 7150/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.